**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-5 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 402/18 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrentipprezentat fis-6 ta' Settembru, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-esponenti zzewweg lil B nhar l-4 ta' Gunju, 1981 gewwa l-Parrocca ta' San Pietru fil-Ktajjen, Birzebbugia, (certifikat taz-zwieg esebit, anness u mmarkat Dokument A).

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat in atti tan-Nutar Elaine Farrugia nhar il-31 ta' Awwissu, 2016, kuntratt esebit, anness u mmarkat Dokument B.

Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet twieldu zewgt itfal, C u D, it-tnejn maggorenni u ebda manteniment ma hu dovut.

Illi ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-konjugi kif jixhed paragrafu nurmu 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni (vide dok. A).

Illi ghaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, tant illi kull wahda mill-partijiet tghix hajja totalment separata minn xulxin.

Illi ghalhekk jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partjiet skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partjiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Ra r-risposta tal-intimata li eccepiet:-

1. Illi l-esponenti ma ghandha ebda opposizzjoni ghat-talba ghad-divorzju, u dana minkejja illi hija tiddikjara li ma ghandhiex il-htiega tad-divorzju.
2. Illi l-esponenti fi kwalunkwe kaz ma ghandhiex tbati l-ispejjes ta' dawn il-proceduri.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom *de facto* sseparati ghal aktar minn erba' snin u sseparaw legalment fil-31 ta' Awwissu, 2016 b'kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. Elaine Farrugia . Illi r-rikorrenti pprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**